**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/46/20/S

Ethan-Nigel Harmsworth

Vs

Motors Inc Ltd

Illum 19 ta'Novembru,2020.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Ethan-Nigel Harmsworthipprezentata fit-18 ta'Marzu,2020 filwaqt li s-socjeta Motors Inc Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda hsara li sehhet f'vettura wara li kienet inxtrat 3 snin qabel wara li l-ilma tar-*radiator* kien skula;

Illi l-vettura kienet ghadha that garanzija pero dan it-Tribunal ezamina l-garanzija bil-miktub u l-eskluzjonijiet taghha;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba rikorrenti u lanqas rapprezentant taghha ma deher ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba mitluba u pprezenta d-dokumentazzjoni relattiva;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex xi rapprezentant jaghti l-verzjoni tieghu;

Illi r-rikorrent ipprezenta kopja tal-garanzija fejn jinghad is-segwenti f'Dok EH2 :

"*…The replacement of oil filters, lubricants, anti-freeze and fluids is included provided the replacements are necessitated by the failure of a covered component…*"

Illi taht l-eskluzjonijiet hemm "*…water or air leaks, weather strips and repairs needed as a result of rust or corrosion…*";

Illi s-socjeta intimata ma ressqet ebda prova fuq liema bazi cahdet li tapplika l-garanzija u f'tali nuqqas, ma hemm xejn x'jikkonvinci lil dan it-Tribunal biex din il-garanzija ma tigix applikata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Ethan-Nigel Harmsworth u Jordna lis-socjeta Motors Inc. Ltd thallas lil Ethan-Nigel Harmsworth is-somma ta' €295.84 kif konfermata bid-dokumentazzjoni pprezentata, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru